# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-15 ta' Frar, 2017.**

**Rikors Numru 131/2012 SM**

**Benjamin *sive* Benny Bondin**
**(I.D. 561565(M))**

**vs.**

**Marinelli Construzioni S.P.A. Malta**
**u b'digriet datat il-21 ta' Gunju, 2012,**
**l-istess ghandha tigi indikata bhala**
**Marinelli Costruzioni SPA (OC537), u**
**b'digriet datat iz-19 ta' Lulju, 2012,**
**il-qorti ordnat lis-socjeta` Elmo Insurance**
**Limited (C – 3500) tintervjeni fil-kawza**
**u skont il-verbal datat is-7 ta' Frar, 2013,**
**gew kjamati in kawza l-Ministru tat-Trasport**
**u Infrastruttura u l-Awtorita` ghat-Trasport**
**f'Malta**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-8 ta’ Frar, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti, (ara fol 1)

1.1. Illi jiggestixxi u jiddetjeni l-“bar” u “restaurant” bl-isem “Regatta Club Bormla”;

1.2. Illi s-socjeta` intimata qed tesegwixxi xogholijiet estensivi fl-inhawi tal-istess “Club” u, b’imperizja u non kuranza tar-regolamenti qed tirrekalu danni konsiderevoli;

1.3. Illi konsegwenza tal-istess kien kostrett jaghlaq in-negozju tieghu;

1.4. Illi ghalkemm ghadu jhallas il-kera tal-fond minnhu gestit, mhu jkollu l-ebda introjtu;

1.5. Illi rizultat tal-istess xogholijiet qed isofri hsarat estensivi fil-fond *de quo*, u dan, wara li investa ammont konsiderevoli f’benefikati, (ara foll 4);

1.6. Illi ghalkemm interpellata lis-socjeta` intimata biex taghmel tajjeb ghad-danni ikkagunati, din baqghet inadempjenti;

1.7. Illi konsegwentement adixxa din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata irrekat danni konsiderevoli lir-rikorrenti;

1.7.2. Tillikwida d-danni sofferti, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

1.7.3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas id-danni hekk likwidati subiti mir-rikorrenti;

1.7.4. Bl-ispejjez u bl-imghax dovut;

2. Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu awtorizzat lis-socjeta` intimata tipprezenta r-risposta taghha ghat-talbiet tar-rikorrenti fit-termini hemm indikat, (ara foll 43);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-11 ta' Lulju, 2012, li permezz taghha s-socjeta` intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti, (ara foll 47):

3.1. Illi ma ikkagunat l-ebda danni lir-rikorrenti;

3.2. Illi m'ghandu l-ebda dritt jippretendi hlas ta' danni kif allegat fil-fond mikri lilu, u dan, ghaliex mhux il-proprjetarju tal-istess;

3.3. Illi s-socjeta` intimat mhix il-legittima kontradittrici ghat-talbiet tar-rikorrenti;

3.4. Illi jekk ir-rikorrenti sofra xi danni minhabba l-appalt *de quo* r-responsabbilita` ghall-istess ghandha tistrieh fuq il-Ministeru tat-Trasport, Infrastruttura u Komunikazzjoni;

3.5. Illi r-rikorrenti jrid jipprova d-danni minnu allegati;

3.6. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.7. Salv risposti ulterjuri;

3.8. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Rat id-digriet taghha datat iz-19 ta' Lulju, 2012, (ara foll 58), li permezz tieghu, wara rikors appozitu debitament imwiegeb, (ara foll 33 u 44), awtorizzat lis-socjeta` Elmo Insurance Limited tintervjeni fil-procedura odjerna;

5. Rat id-digriet ulterjuri taghha datat is-7 ta' Frar, 2013, (ara foll 132), li permezz tieghu, wara rikors appozitu debitament imwiegeb, (ara foll 129, 131 u 132), awtorizzat il-kjamata fil-kawza tal-Ministru tat-Trasport, Infrastruttura u Kommunikazzjoni u tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta;

6.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-2 ta’ Mejju, 2013, li permezz taghha l-Awtorita` kjamata in kawza sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti: (ara foll 138)

6.1. Illi mhix il-legittimu kontradittur u ghandha ghalhekk tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

6.2. Illi d-danni pretizi huma kontestati;

6.3. Salv risposti ulterjuri;

6.4. Bl-ispejjez;

7.0. Rat ir-risposta guramentata datata s-6 ta’ Mejju, 2013, li permezz taghha l-Ministru ghat-Trasport u Infrastruttura, gia` Ministru ghat-Trasport, Infrastruttura u Kommunikazzjoni, sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, kif korretta skont il-verbal datat l-4 ta’ Novembru, 2014, (ara foll 727 u foll 142 rispettivament);

7.1. Illi *ai termini* tal-artiklu 181B(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta hu mhux il-legittimu kontradittur;

7.2. Illi l-Avukat Generali ma giex notifikat *ai termini* 181B(3) tal-istess Kap 12 fuq indikat;

7.3. Illi t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tieghu huma infondati;

7.4. Illi r-rikorrenti jrid jipprova t-titolu fuq il-fond meritu tal-procedura;

7.5. Illi l-kuntratt t’appalt in dizamina jistabbilixxi r-responsabbilita` kompleta tal-kuntrattur, senjatament tas-socjeta` intimata;

7.6. Illi r-rikorrenti jrid jipprova d-danni subiti;

7.7. Salv rispost ulterjuri;

7.8. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

8. Rat id-digriet taghha datat il-5 ta’ Marzu, 2015, (ara foll 271), li permezz tieghu, a bazi ta’ nota kongiuntiva tal-partijiet, appuntat lill-espert tekniku hemm indikat biex jevalwa l-hsara ta’ makkinarju li hemm fil-fond *de quo*;

9. Rat ir-relazzjoni tal-espert tekniku *de quo* datata l-4 ta’ Jannar, 2016, (ara foll 809);

10. Rat id-digriet taghha datat l-20 ta’ Mejju, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 931), u kif sussegwentement estizi, (ara foll 935);

11. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-12 ta’ Settembru, 2016, (ara foll 937), flimkien ma dik tal-Awtorita` kjamata in kawza datata t-30 ta’ Settembru, 2016, (ara foll 943), u dik tal-Ministru ukoll kjamat in kawza datata s-7 t’Ottubru, 2016, (ara foll 947);

12. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat il-11 t’Ottubru, 2016, li permezz tieghu iddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti minnhom sottomessi, (ara foll 953);

13. Semghet ix-xhieda kollha prodotta;

14. Ezaminat id-dokumenti kopjuzi pprezentati, flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati ipprezentati mill-kontendenti, u dan, inkluz is-“CD” ipprezentata in atti, (ara foll 750);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

15.1. Illi r-rikorrenti jikri u jiggestixxi l-“bar” u r-“restaurant” maghruf bhala “Regatta Club”, f’Bormla, (ara foll 278 u 744);

15.2. Illi s-socjeta` estera intimata inghatat l-appalt biex tesegwixxi xogholijiet estensivi fl-inhawi fejn ir-rikorrenti kien jezercita l-gestjoni tal-“bar” u “restaurant” lilu

koncess mir-Regatta Club ta' Bormla mertu tal-procedura odjerna;

15.3. Illi minhabba l-hsarat estensivi lilu ikkagunati fl-imsemmi fond kif elenkati fir-rapport peritali *ex parte* fir-rigward, li a skans ta' ripetizzjoni mhux qed jigi hawn elenkat, (ara foll 4 *et sequitur)*, l-intimat kien kostrett jaghlaq il-fond in dizamina;

15.4. Illi din il-kjuzura forzata ikkagunatlu danni ingenti u telf ta' qligh;

15.5. Illi *di piu`*, l-istess fond in dizamina sofra hsarat strutturali kbar li annullaw il-benefikati kollha li r-rikorrenti kien edifika fl-istess fond;

15.6. Illi ghalhekk ir-rikorrenti qieghed hawn jitlob risarciment gust ghad-danni kollha minnhu sofferti, u dan, wara li l-intimati, jew min minnhom, ikunu dikjarati responsabbli ghall-istess;

Ikkunsidrat:

16. Illi x-xoghol ta' kostruzzjoni infrastrutturali ezercitat mis-socjeta` estera intimata kien qed isir fuq inkarigu li hi kienet inghatat mill-Ministeru intimat – liema xogholijiet kienu parti minn progett pubbliku intiz ghat-tisbieh u regenerazzjoni tal-post f'Bormla komunement maghruf bhala "Bacir Numru 1", ufficjalment indikat bhala *"Upgrading, Embellishment, Landscaping and Installation of Services at the East Side, Dockyard Creek, Cospicua, Malta"*, (ara foll 309 *et sequitur*);

Ikkunsidrat:

17.0. Illi f'dan l-istadju hu issa opportun li jigu sintetikament indirizzati l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-kontendenti, senjatament:

17.1. Li l-Awtorita` intimata mhix il-legittimu kontradittur, (ara foll 138);

17.2. Li l-Ministru intimat mhux il-legittimu kontradittur ghaliex l-Avukat Generali ma giex notifikat bir-rikors guramentat promotur, (ara foll 142);

17.3. Dawk sollevati mis-socjeta` estera intimata, (ara foll 47);

Ikkunsidrat:

A. **L-Awtorita` Intimata:**

18. Illi l-kontenzjoni tal-Awtorita` li mhix il-legittimu kontradittur hi minnha ibbazata fuq il-fatt li hi ma kienitx l-entita` li ordnat, iggestiet, jew issupervizjonat ix-xogholijiet infrastrutturali involuti;

19. Illi l-konkluzjoni rispekkjata fil-paragrafu precedenti hi naxxenti mix-xhieda tal-"*manager legal support services*" tal-istess Awtorita` intimata li jsosstni s-segwenti:

> "Minn ricerka li ghamilt sibt illi l-Awtorita` li qed irrapprezenta ma kellha ebda tip ta' involviment fil-progett fuq solverjar ta' l-istess li saru fil-progett in dizamina. Meta ivverifikajt il-*files* ta' l-Awtorita` intimata ma sibt l-ebda rabta bejn l-Awtorita` u dan il-progett", (ara foll 784);

20. Illi effettivament, kif jirrizulta mill-kuntratt bir-referenza *"Contract Ref. No. CT 2716/2009,* (ara foll 309 *et sequitur*), il-kuntratt ta' xoghol in dizamina kien gie konkluz il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Kommunikazzjoni, (kif issa korrett fil-procedura odjerna), u s-socjeta` estera intimata, rispettivament indikati bhala l-Awtorita` kontraenti u l-Kuntrattur, (ara foll 310);

21. Illi minn ezami tal-istess jirrizulta pacifiku li l-Awtorita` kjamata in kawza ma tiffigurax fl-istess kuntratt;

22. Illi konsegwenza tas-suespost, ghandu ghalhekk jirrizulta pacifiku li l-istess Awtorita` ghandha tigi ghalhekk liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

B. **Il-Ministru tat-Trasport u Infrastruttura:**

23. Illi l-Ministru *de quo* isosstni li mhux il-legittimu kontradittur ghaliex ir-rikors guramentat promotur ma giex notifikat lill-Avukat Generali *ai termini* tal-artiklu 181B tal-Kap 12 fuq gia` riferit;

24.0. Illi in vista tal-premess jigi immedjatament osservat li l-kjamati in kawza, (inkluz allura l-Ministru intimat), ilkoll:

24.1. Intavolaw ir-risposti guramentati taghhom, (ara foll 138 u 142);

24.2. Kienu debitament assistiti minn rapprezentanti legali tal-ghazla taghhom;

24.3. Ippartecipaw bis-shih fil-procedura in dizamina anke billi resqu dawk il-provi li huma dehrilhom li kellhom jipproducu;

25. Illi f'dan ir-rigward issir allura referenza ghall-insenjament tal-***Qorti tal-Appell (Superjuri)*** fil-kawza fl-ismijiet ***Antoinette Vella vs. Kummissarju tal-Artijiet et***, datata t-***13 ta' Lulju, 2001,*** li ssosstni s-segwenti:

> "L-att promotur tal-appell irid jigi notifikat lill-appellat personalment u li l-ligi hekk tezigi proprju biex tassigura li l-parti citata titqieghed personalment f'posizzjoni li tirrispondi ghall-att promotur ta' gudizzju quddiem qorti ohra, (artiklu 144 tal-Kap 12). Ma kien hemm l-ebda dubbju li n-notifika tal-atti kienet biss mezz biex tassigura li l-parti citata tkun konsapevoli tal-procedura kontra taghha u titqieghed f'posizzjoni li tiddefendi ruhha. Jekk mill-atti jkun jirrizulta illi l-persuna notifikanda kienet attwalment irceviet l-att u kienet ipprocediet biex tikkontestah permezz ta' risposta skont il-ligi, l-att tan-notifika nnifsu jsir ghall-fini tal-process ghal kollox irrilevanti. Dan proprju ghaliex il-prezentata tar-risposta tkun tekwivali u kellha

tigi interpretata bhala dikjarazzjoni tal-parti li tkun qed taghti ruhha b'notifikata bl-att";

26. Illi tenut kont tal-partecipazzjoni attiva tal-istess Ministru kjamat in kawza kif fuq delineat, allura ghandu jkun pacifiku li dan kien konsapevoli tal-procedura indrizzata fil-konfront tieghu tant li anke ghazel li jiddefendi l-posizzjoni tieghu fir-rigward, wara li kien debitament notifikat bl-att guramentat promotur, (ara foll 135);

27. Illi konsegwenza tas-suespost, ghandu ghalhekk jirrizulta wkoll pacifiku li l-istess Ministru ma jistghax jigi dikjarat liberat mill-osservanza tal-gudizzju u ghalhekk, l-eccezzjoni preliminari tieghu fir-rigward ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

C. **Is-Socjeta` estera intimata:**

28.0. **Re Danni:**

28.1. Illi din is-socjeta` teccepixxi li r-rikorrenti m'ghandux dritt jitlob ghad-danni minnhu subiti minn ghandha, (ara foll 47);

28.2. Illi l-istess socjeta` tghid dan ghaliex issosstni li r-rikorrenti mhux il-proprjetarju tal-fond in dizamina, (ara foll 47);

28.3. Illi kuntrarju ghall-posizzjoni tas-socjeta` estera intimata jirrizulta li r-rikorrenti kellu t-titolu ta' lokazzjoni tal-"bar" u tar-"restaurant" tal-Klabb Regatta Bormla, (ara foll 278);

28.4. Illi f'dan ir-rigward jigi sottolineat is-segwenti:

28.4.1. Illi r-rikorrenti jirreklama biss is-segwenti: (ara foll 2)

28.4.1.i. Danni fil-benefikati li ghamel fil-fond *de quo*;

28.4.1.ii. Telf ta' qligh li sofra;

28.4.2. Illi ma jirrizultax li jirreklama danni fil-proprjeta` immobbli innifisha li taghha hu ghandu biss titolu lokatizju;

29. Illi konsegwenza tal-istess din l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` estera intimata li r-rikorrenti m'ghandu l-ebda dritt li jippretendi hlas ta' danni ghal hsara allegata fil-fond *stante* li mhux proprjetarju ghandha tigi respinta, (ara foll 47), kif ukoll ghalhekk ghandha wkoll tigi respinta ir-raba' (4) eccezzjoni preliminari sollevata mill-Ministru intimat kjamat in kawza, (ara foll 142);

Ikkunsidrat:

30.0. Illi rigward ir-responsabbilita` ghall-akkadut jinghad sintetikament is-segwenti:

30.1. Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Fiorino d'Oro Company Limited vs. Direttur tat-Toroq*** datata s-***16 ta' Jannar, 2003, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili*** tghid hekk fir-rigward:

> "Il-kuncett tar-responsabbilita` tal-Gvern hi bazata, bhal dik tac-cittadin ordinarju, fuq id-delitt u l-kwazi-delitt kif kontemplat fl-artiklu 1029 *et sequitur* tal-Kodici Civili. Dan ifisser li l-Gvern, biex jinstab responsabbli ghad-danni, irid ikun agixxa b'imprudenza, b'negligenza u bla l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ghax diment li "jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu" – artiklu 1030 Kodici Civili";

30.2. Illi f'dan il-kuntest l-istess sentenza riferita fil-paragrafu precedenti taghmel ukoll riferenza ghas-segwenti:

30.2.1. ***Apap Bologna vs. Borg Olivier***, deciza mill-***Prim'Awla tal-Qorti Civili***, datata s-***6 ta' Frar, 1958***;

30.2.2. ***Zahra vs. Direttur Xogholijiet Pubblici***, deciza mill-***Qorti tal-Appell***, datata it-***3 ta' Dicembru, 1991***;

30.2.3. ***Micallef vs. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici***, deciza mill-***Qorti tal-Appell***, datata t-***28 ta' Frar, 2001***;

Ikkunsidrat:

31. Illi jirrizulta li l-appalt in dizamina inghata mill-Kumitat tal-Kuntratti tal-Gvern lis-socjeta` estera intimata wara sejha ghall-offerti biex isiru x-xogholijiet infrastrutturali in dizamina, u sar in parti bil-finanzjament tal-Unjoni Ewropea, (ara foll 317);

32. Illi l-istess appalt kellu jdum sittin, (60), gimgha ghall-ewwel (1) fazi tieghu, u sitta u hamsin (56), gimgha ghat-tieni (2) fazi tieghu, (ara foll 324), ghalkemm il-perit ikkoncernat isosstni li l-kuntratt kien limitat ghall-perjodu ta' sena (1), (ara foll 731);

33. Illi dan l-ghan li x-xoghol isir fil-perjodu indikat ma intlahaqx, (ara foll 731);

34. Illi jirrizulta li l-progett li inizjalment kellu jintemm f'Settembru, 2011, (ara foll 932), kien interrott ghal perjodu konsiderevoli ta' zmien u spicca biex kien terminat fl-2014 – kif isostni fix-xhieda tieghu l-perit inkarigat mill-istess meta fid-deposizzjoni tieghu tal-4 ta' Novembru, 2014, jghid li "il-progett spicca issa", (ara foll 731);

Ikkunsidrat:

35.0. Illi fir-rigward tar-responsabbilita` tal-Ministru intimat kjamat in kawza terga ssir referenza ghas-sentenza precedentement citata fl-ismijiet ***Fiorino d'Oro Limited vs. Direttur tat-Toroq***, (ara paragrafu numru tletin punt wiehed, (30.1.), aktar qabel), fejn gie wkoll ritenut is-segwenti:

> "Il-Gvern lanqas ma jista' jfarfar ir-responsabbilita` billi jghid li ghal dak li gara u qed jigri fl-imhawi hu mhux responsabbli ghax qabbad lil xi haddiehor iwettaq il-progett. Huwa l-Gvern li ha l-inizjattiva biex tigi rrangata din it-triq, (kif inhu dritt u obbligu tieghu), u hu il-Gvern li ghogbu jghaddi dan il-progett f'idejn terzi. Ic-cittadin mhux interessat fil-kondizzjonijiet tal-appalt bejn il-Gvern u l-kuntrattur, ghax hu l-Gvern li, f'ghajnejn il-poplu, hu responsabbli ghat-tiswija tat-toroq principali f'Malta. Jekk il-Gvern, ghogbu, f'dan il-kaz, jaghti l-appalt lill-privat, jibqaghlu xorta l-obbligu li jinsisti u jara li l-kuntratt jigi esegwit, u jekk jara li l-kuntratt ma jkunx qed jigi segwit fedelment, li jiehu l-provedimenti opportuni biex jirrimedja s-sitwazzjoni, (bhal per ezempju, li jittermina l-appalt u/jew iqabbad persuni ohra, jew ilest x-xoghol bil-haddiema tieghu stess";

Ikkunsidrat:

36. Illi ghandu jirrizulta pacifiku wkoll li waqt li mill-banda wahda hu l-obbligu tal-Gvern li jezegwixxi xogholijiet pubblici, ic-cittadin ghandu mill-banda l-ohra jittollera l-inkonvenjenzi ragonevoli rizultanti minn dawn ix-xogholijiet;

37. Illi pero` f'dan il-qasam ghandu mill-ewwel jigi sottolineat li *nonostante* dan, ic-cittadini m'ghandhomx imhabba f'hekk, isofru inkonvenjent aktar milli hu ragjonevolment mehtieg minnhom;

38. Illi ghalhekk, fil-kaz li x-xogholijiet ippjanati jdumu aktar milli jkun hemm bzonn, il-Gvern – f'dan il-kaz il-Ministru intimat kjamat in kawza – jsir responsabbli ghal dan id-dewmien ghaliex hu jkun qed jonqos mill-obbligi tieghu li jara li x-xogholijiet ikunu ezegwiti skont kif precedentement pjanifikat u pattwit billi jkun halla x-xogholijiet jipprokrastinaw ruhhom b'mod irragonevoli minghajr ma jkun intervjena – kif dovut – biex jevita l-inkonvenjenzi li jkunu qed isofru terzi innocenti kagun tal-istess prokrastinar, jekk mhux ukoll kagun ix-xoghol skadenti riskontrat bhal ma hu fil-kaz odjern;

Ikkunsidrat:

39.0. Illi rigward is-sottomissjoni tal-Ministru intimat kjamat in kawza li a bazi tal-artiklu 34 tal-kuntratt tal-appalt in dizamina rabat lis-socjeta` estera intimata appaltatrici bil-penali hemm elenkati fil-kaz ta' dewmien fl-esekuzzjoni u terminazzjoni tal-istess appalt, (ara foll 348), jinghad sintetikament is-segwenti:

39.1. Illi s-socjeta` estera in dizamina abbandunat ix-xogholijiet *de quo* f'Settembru, 2011, (ara foll 932);

39.2. Illi rizultat tal-istess il-Gvern jirrizulta li ha sa Marzu, 2012, biex jittermina l-appalt in dizamina, (ara foll 932);

40. Illi ghandu jkun pacifiku li tenut kont tas-sensitivita` tal-progett u tal-inkonvenjenzi serji li l-istess progett kien b'mod generali qed johloq fl-inhawi ta' Bormla u l-Birgu, u b'mod partikolari lir-rikorrenti, kien l-obbligu tal-Gvern li jagixxi b'ferm aktar tempestivita` fl-interess kemm tac-cittadini in generali u tar-rikorrenti in partikolari;

41.0. Illi b'hekk il-Gvern naqas li jkun rilevanti fejn verament kien mehtieg biex:

41.1. Inaqqas id-dewmien fl-esekuzzjoni tal-progett;

41.2. Jevita aktar inkonvenjenzi serji lic-cittadin u lir-rikorrenti kif fuq indikat, (ara paragrafu numru erbghin, (40.), aktar qabel);

42. Illi ghandu jkun pacifiku li meta l-Gvern, kif ghamel, jistrieh fuq il-possibilita` li jirkupra vantagg monetarju billi jenforza l-penali pattwiti, mhu ta' l-ebda konsolazzjoni ghall-istess cittadin u ghar-rikorrenti in dizamina *stante* li dawn mhux ser jibbenefikaw b'xi mod mill-istess;

43. Illi ghalhekk tali risposta tal-Ministru intimat ikkoncernat hi ghal kollox irrilevanti;

44. Illi in vista tal-premess jigi sottolineat ukoll li allura t-tielet (3) u l-hames (5) risposti tal-Ministru intimat kjamat in kawza ghandhom ukoll jigu respinti;

Ikkunsidrat:

45. Illi tenut kont tas-suespost ghandu jirrizulta pacifiku li l-Gvern naqas li juri l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja jif statutorjament tenut li jaghmel fic-cirkostanzi in dizamina;

46. Illi ghalhekk l-istess Ministru ikkoncernat ghandu jwiegeb ghad-danni ikkagunati minhabba dan in-nuqqas tal-istess fl-ezercizzju tal-obbligi tieghu fir-rigward kif fuq elenkat;

Ikkunsidrat:

47. Illi ovvjament, l-istess responsabbilita` hawn riskontrata fil-konfront tal-Ministru intimat kjamat in kawza ma teskludix ir-responsabbilita` tas-socjeta` estera intimata appaltatrici li kienet il-kawza prossima tal-inkonvenjenzi kollha riskontrati;

48.0. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

48.1. Illi l-istess socjeta` intimata inghatat l-appalt *de quo* biex taghmel ix-xogholijiet in dizamina;

48.2. Illi l-istess socjeta` intrabtet li tittermina l-istess appalt fi zmien sena (1) mill-ghoti tal-istess;

48.3. Illi pero` l-iskadenza pattwita giet abbundantement superata bi kbir;

48.4. Illi *di piu`*, jirrizulta li x-xogholijiet ezegwiti ma kienux tal-livell pattwit;

48.5. Illi fil-kors tal-esekuzzjoni tal-istess xogholijiet l-istess socjeta` estera intimata ikkagunat hsarat immani fil-fond gestit mir-rikorrenti;

48.6. Illi l-hsarat hekk ikkagunati lir-rikorrenti tant kienu ta' natura kbira li effettivament kien impossibbli ghalih li jibqa` jiggestixxi l-istess fond u kien ghalhekk kostrett li jieqaf kompletament mix-xoghol *de quo*;

49.0. Illi ghalhekk, ghandu jkun pacifiku wkoll li anke s-socjeta` estera intimata ghandha twiegeb ghad-danni sofferti mir-rikorrenti, u dan, fid-dawl tal-*artiklu 1032* tal-*Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta* fejn sintetikament hu stabbilit:

49.1. Illi kulhadd iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu;

49.2. Illi jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja;

50. Illi in vista tal-premess jirrizulta assodat li s-socjeta` estera intimata naqset li tuza l-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja kif statutorjament fuq elenkat;

51. Illi ghalhekk l-istess socjeta` estera in dizamina hi responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti flimkien mal-Ministru intimat kjamat in kawza li kien obbligat iwaqqaf tempestivament lill-istess socjeta` appaltatrici meta induna li din ma kienitx tal-istandard pattwit ghax-xoghol lilha fdat;

52. Illi ghalhekk, ir-risposti guramentati tas-socjeta` estera intimata ghandhom ilkoll jigu respinti;

Ikkunsidrat:

53. Illi epurata r-responsabbilita` tal-kontendenti hu issa ghaqli li tigi indirizzata l-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrenti;

54.0. Illi tali kap jinhtieg li jigi ezaminat bil-mod segwenti:

54.1. Telf ta' Profitt;

54.2. Hsarat riskontrati fl-Apparat u Danni ohra;

Ikkunsidrat:

A. **Telf ta' Profitt:**

55. Illi l-kuntratt tal-appalt in dizamina gie iffirmat f'zewg dati separati, senjatament fit-30 ta' Dicembru, 2010, u fis-6 ta' Jannar, 2011, b'dik tal-ahhar allura tittiehed li hi d-data tal-kristallizzazzjoni tal-kuntratt, (ara foll 311 u 312);

56. Illi x-xogholijiet in dizamina inbdew lejn l-ahhar t'April, 2011, (ara foll 730);

57. Illi ghalhekk, ghandu jkun pacifiku li r-rikorrenti ma setghax isofri telf ta' qligh qabel l-ahhar t'April, 2011;

58. Illi l-progett *de quo* kien eventwalment itterminat f'Novembru, 2014, (ara foll 731);

59. Illi sakemm gie tterminat ix-xoghol in dizamina l-*area* tal-Klabb tar-Regatta in dizamina kienet maghluqa ghall-pubbliku;

60. Illi ghalhekk tul dan il-perjodu jirrizulta li r-rikorrenti kien kostrett jitlef l-introjtu tieghu *stante* li ma kienx possibbli ghalih li jiggestixxi l-*"bar"* u r-"*restaurant"* minnhu mikri;

Ikkunsidrat:

61. Illi f'dan ir-rigward terga ssir referenza ghal kaz fl-ismijiet ***Fiorini d'Oro Company Limited vs. Direttur tat-Toroq*** fuq gia` riferit, (ara paragrafu numru tletin punt wiehed, (30.1.), aktar qabel), li rriteniet is-segwenti:

> "Fil-kuntest ta' *Government Liability*, l-ordinament guridiku Malti ***ma jikkontemplax*** is-sistema, kif adoperata f'certi pajjizi Ewropej, li l-Gvern ghandu dejjem jikkompensa lill-privat ghall-iskomdu li joholqu fl-esekuzzjoni ta' progett fl-interess Nazzjonali";

62. Illi għalhekk, il-posizzjoni legali vigenti tidher li hi fis-sens li jekk, fl-interess tal-poplu in generali, hu meħtieġ li jitwettaq proġett, il-Gvern mhux obbligat li jikkumpensa lill-individwi għall-iskomdu li dak il-proġett jista' joħloq;

63. Illi l-posizzjoni tidher li kkristallizzat b'dan il-mod fil-gurisprudenza lokali għaliex ġie ritenut li c-cittadin għandu jissubixxi l-effetti ta' proġetti intizi fl-interess nazzjonali;

64. Illi ovvjament, nonostante s-suespost, kawża bħal din hawn in dizamina xorta tista' tirnexxi kemm- il darba r-rikorrenti juri li kien hemm negligenza, traskuragni u imperizja fl-operat riskontrat tal-appaltatur u tal-Gvern li jkun obbligat jissorveljah;

Ikkunsidrat:

65.0. Illi in vista tal-analisi fattwali fuq elenkat jirrizulta assodat is-segwenti:

65.1. Illi l-appalt ġie terminat abbundantement tardivament;

65.2. Illi l-istess appalt ma ġiex esegwit b'dik id-diliġenza professjonali mistennija;

65.3. Illi l-Ministru intimat kjamat in kawża ma interveniex tempestivament biex jirrimedja s-sitwazzjoni jew tal-anqas, biex jimminimizza d-danni ikkaġunati;

66. Illi għalhekk ir-rikorrenti għandu jiġi ikkumpensat għal telf ta' introjtu għall-perjodu ta' ħames snin – senjatament mill-2011 meta inbeda x-xogħol, sal-2014 meta dan ix-xogħol ġie terminat;

Ikkunsidrat:

67. Illi f'dan l-istadju ssir riferenza għas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Giuseppe Xuereb et vs. Perit Carmelo Micallef nomine et***, datata t-***3 t'Ottubru, 1953***, fejn ġie ritenut is-segwenti:

> “Id-disposizzjoni tal-ligi li tirrendi responsabbli tal-hsara li tigri bi htija ta’ min ikun kagun ta’ dik il-htija hija generika u ma taghmel ebda eccezzjoni, lanqas ghall-Gvern; u ghalhekk il-Gvern huwa obbligat jaghmel tajjeb ghad-danni fil-kaz li huwa, fl-ezercizzju tad-drittijiet tieghu, johrog mill-gusti limiti u jikkaguna pregudizzju lil terzi”, (Volum XXXVII – it-Tieni Parti – p. 753);

68. Illi bid-dewmien ezagerat riskontrat sat-terminazzjoni tal-progett in dizamina jirrizulta assodat li r-rikorrenti sofra pregudizzju ferm akbar minn dak li hu komunement meqjus bhala ragonevoli;

69. Illi ghalhekk il-Ministru kkoncernat ukoll ghandu jwiegeb ghall-hsara hekk riskontrata;

70. Illi ghandu jkun pacifiku li ghall-perjodu ta’ sena, (mill-2011 sal-2012), l-istess rikorrenti kien mistenni li in vista tal-premess, kellu jissubixxi l-iskomdu riskontrat fl-interess tal-gid komuni;

71. Illi izda *stante* li x-xoghol baqa’ jipprokrastina ruhhu sal-2014, ir-rikorrenti ghandu d-dritt li jippretendi li x-xoghol kellu jkun lest kif programmat u konsegwentement, la ghandu jibqa’ jerfa’ l-piz inordnat mitfuh fuqhu minhabba l-inkompetenza riskontrata, u l-istess Gvern m’ghandux jippretendi li l-istess rikorrenti jibqa’ jissaporti l-piz finanzjarju mitfuh fuqu minnhu u mis-socjeta` estera intimata xelta minnhu ghall-appalt *de quo*;

Ikkunsidrat:

72. Illi jirrizulta li r-rikorrenti kien jaqla’ medja ta’ sitt elef tliet mija u seba’ u disghin euro u tnejn u disghin centezmu, (€6,397.92), fis-sena;

73. Illi l-perjodu li fih spicca x-xoghol *de quo* kien stabbilit li sehh fl-2014;

74. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kien imwaqqaf milli jezercita l-professjoni tieghu ghall-perjodu ta’ erba’ (4) snin – li

minnhom l-ewwel sena (1) ghandha tigi supportata minnhu kif fuq indikat;

75. Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti kellu telf ta' qligh li ghandu jigi mahdum bil-mod segwenti:

**€6,397.92 x 3** (2012-14) **= €19,193.76**

Ikkunsidrat:

B. **Hsarat Riskontrati fl-Apparat u Danni ohra:**

76. Illi f'dan ir-rigward issir ampja referenza ghar-relazzjoni tal-perit tekniku nominat espressament li jidentifika d-danni subiti mir-rikorrenti fl-apparat elettroniku u mekkaniku stallat fil-"bar" u "restaurant" minnu gestit fil-fond meritu ta' din il-procedura, (ara foll 809 *et sequitur*);

77. Illi din il-qorti m'ghandha l-ebda raguni ghaliex ma tistriehx fuq il-konkluzzjonijiet li wasal ghalihom l-istess espert tekniku, u konsegwentement tiddikjara li taghmel taghha l-istess konkluzjoni li l-imsemmi espert tekniku wasal ghaliha, (ara foll 850);

78. Illi f'dan ir-rigward l-istess perit tekniku nominat stabbilixxa s-segwenti:

> "Although no testing of electrical and mechanical equipment reviewed in this report was carried out on neither of the visits or any other occasion, from experience I can claim that more than 90% of the reviewed equipment is beyond economical repair and is to be totally replaced. The remaining 10% can be repaired", (ara foll 850);

Ikkunsidrat:

79. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti tal-Appell (Inferjuri)*** fl-ismijiet ***Paul Cutajar vs. Bugeja***

***Marbles Limited***, datata l-***10 ta' Jannar, 2007***, fejn gie ritenut is-segwenti:

> "Il-perizja hi fonti oggettiva ta' prova inkwantu ghall-accertament ta' sitwazzjoni ta' fatt li ma jkunx rilevabbli hlief bir-rikors ghal konjizzjoni tenika determinata; fil-fattispeci, d-difett fil-granit. Forsi jista' jizdied illi aktar minn mezz ta' prova l-perizja hi strument ta' valutazzjoni taht il-profil tekniku ta' dawk l-elementi idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tal-gudikant";

80. Illi ghalhekk, fid-dawl tal-istess insenjament, taghmel taghha l-konkluzzjonijiet tal-istess perit tekniku *de quo*;

Ikkunsidrat:

81.0. Illi analizi tal-ircevutiipprezentati jirrizulta s-segwenti hsarat:

81.1. *Rational Combi steamer*: **€15,500.00**, (ara foll 831);

81.2. Apparat u makkinarju iehor uzat fin-negozju tar-rikorrenti: **€4,003.07**, (ara foll 833);

81.3. Fran u *fryer*: **€5,081.31**, (ara foll 835);

81.4. Docca Star Nero u Pizza *Counter*: **€2,679.50**, (ara foll 837);

81.5. Forn tal-Pizza u *Stands*: **€6,722.28**, (ara foll 838);

81.6. Stima ghall-apparat iehor: **€1,923.40** (ara foll 840);

81.7. Stima ghal dawl t'emergenza: **€170.52** (ara foll 842);

81.8. Stima ghal televizjoni: **€1,830.62** (ara foll 843);

81.9. Stima ghal *kitchen tops*: **€490.00** (ara foll 844);

81.10. Stima ghall-*Upright Unit*, *Coldroom* u *Croeco Counters*: komplessivament **€2,011.20**, (ara foll 839);

81.11. *Software* u *Printer*: **€4,085.00**, (area foll 845);

81.12. Stima ghas-soffitt u ghall-*airconditioner*: **€363.44**, (ara foll 846);

81.13. Apparat elettroniku: **€4,807.96**, (ara foll 847);

81.14. Sistema tal-alarm: **€774.40**, (ara foll 848);

81.15. Kera tal-*"bar"* u *"restaurant"* in dizamina: **€2,700.00**, (ara foll 849)

Ikkunsidrat:

82. Illi konsegwentement, l-ammont komplessiv tal-hsarat elenkati fil-paragrafu precedenti jammontaw ghal tlieta u hamsin elf, mija u tnejn u erbghin euro u tnejn u hamsin centezmu (**€53,142.52**);

Ikkunsidrat:

83. Illi in vista tal-premess, l-ammont komplessiv ta' telf ta' profit, **(€19,193.76**), u l-ammont ta' hsarat riskontrati fl-apparat u hsarat ohra subiti, **(€53,142.52**), jammonta ghal tnejn u sebghin elf tliet mija u sitta u tletin euro u tmienja u ghoxrin centezmu, (**€72,336.28**);

Ikkunsidrat:

84.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova t-talbiet tieghu fil-konfront tas-socjeta` estera intimata u fil-konfront tal-Ministru intimat kjamat in kawza, u li konsegwentement:

**DECIDE:**

84.1. Tillibera lill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta mill-osservanza tal-gudizzju;

84.2. Tiddikjara li s-socjeta` estera intimata Marinelli Costruzioni SPA (OC537) u l-Ministru tat-Trasport u

Infrastruttura kjamat in kawza huma responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti Benjamin *sive* Benny Bondin;

84.3. Tillikwida d-danni sofferti mill-imsemmi rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' tnejn u sebghin elf, tliet mija u sitta u tletin euro u tmienja u ghoxrin centezmu, (€72,336.28);

84.4. Tikkundanna lill-imsemmija socjeta` estera intimata u lill-Ministru intimat kjamat in kawza biex *in solidum* ihallsu lill-imsemmi rikorrenti d-danni hekk likwidati;

84.5. Bl-ispejjez ta' din il-procedura u bl-imghaxijiet dovuti mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat promotur, (it-8 ta' Frar, 2012), *in solidum* kontra l-istess socjeta` estera intimata u kontra l-Ministru intimat kjamat in kawza fuq indikati.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**